MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 377/2010

**Christopher Bonnici**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Christopher Bonnici fit-8 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema joggezzjona ghall-avviz moghti lilu mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2010, stante li ma huwiex responsabbli ghall-hlasijiet pretizi mill-Awtorità u konsegwentement jitlob li l-imsemmija ittra ufficjali ma tigix reza ezekuttiva, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Rat l-ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2010 annessa bhala Dok. "A" mar-Rikors promotur a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) fl-ewwel lok ir-Rikorrent irid jipprova l-allegazzjonijiet minnu avvanzati fir-Rikors promotur; u (ii) fit-tieni lok, kif ammess mill-istess Rikorrent fir-Rikors promotur, huwa kien mar l-Ghassatal-Pulizija w iffirma l-log book tal-vettura hemmhekk. Dan ifisser li huwa ma tax avviz lill-Awtorità b'dan u allura huwa ghadu responsabbli skond il-Ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorità u mhux lil xi Awtorità ohra (il-Pulizija) dejjem jekk effettivament sar kif qieghed jallega r-Rikorrent;

Rat l-affidavit tar-Rikorrent u ta' Timothy Briffa, markati Dok. "CB1" u Dok. "TB1" rispettivament, esebiti permezz ta' Nota pprezentata fl-20 ta' Jannar 2011 a fol. 16 sa' 18 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Jannar 2012[1] u rat id-dokument minnu esebit waqt l-imsemmija seduta markat bhala Dok. "SC1" a fol. 26 u 27 tal-process;

Rat in-Nota esebita mill-Awtorità intimata fl-24 ta' Frar 2012 u d-dokument anness maggha markat Dok. "A" a fol. 30 sa' 34 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jopponi u joggezzjona ghal avviz moghti lilu mill-Awtorità intimata a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2010, li biha gie interpellat ihallas is-somma komplessiva ta' €960.72 rapprezentanti arretrati tal-licenzja ghac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 appartenenti lilu, liema licenzja skadiet fl-1 ta' Dicembru 2002 u gie imwissi li ai

[1] Fol. 27 sa' 29 tal-process.

termini tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Avviz Legali 198 tas-sena 2009 kif emendat bl-Att XV tas-sena 2009 – Legislazzjoni Sussidjarja 368.02) *sejra tibqa' tigi imposta multa amministrattiv ta' €2.00 ghal kull gurnata li d-dritt ghall-licenzja tieghek jibqa' mhux imhallas, liema multa amministrattiva bdiet tiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2009 u li sal-31 ta' Awwissu 2010 kienet tammonta ghal sitt mija u tmienja u sittin ewro (€668.00)*[2].

Fir-Rikors tieghu r-Rikorrent jippremetti li l-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2010 ma ghandhiex tigi reza ezekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex huwa kien esegwixxa l-proceduri kollha rikjesti mill-Ligi meta, madwar hmistax-il sena qabel id-data ta' l-avviz ta' l-Awtorità, huwa kien ittrasferixxa l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 lil terza persuna. Jippremetti wkoll li ghall-fini ta' tali trasferiment hu u l-akkwirent tal-vettura kienu marru l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun u hemmhekk iffirmaw il-*log book* u gie effettwat il-hlas relattiv ghat-trasferiment. In oltre jikkontendi li huwa qatt qabel ma kien ircieva l-ebda avviz minghand l-Awtorità intimata dwar xi nuqqasijiet li seta' kien hemm fil-konfront ta' din il-vettura u ghalhekk ma kellux mod li jkun jaf b'dawn l-irregolaritajiet. Huwa ghalhekk jikkontendi li ma ghandux jitqies u jinzamm responsabbli ghall-hlasijiet ta' l-arretrati tal-licenzja tac-cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 pretizi mill-Awtorità intimata.

In sostenn ta' dak minnu premess fir-Rikors promotur ir-Rikorrent esebixxa affidavit tieghu stess[3] u affidavit tan-neputi tieghu Timothy Briffa[4]. Fl-affidavit tieghu r-Rikorrent ikkonferma li kellu karozza ta' l-ghamla Vauxhall bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 li kienet immanifatturata ghall-habta ta' l-1967 u ddikjara li *xi 15-il sena ilu jiena kont fejn il-karozza tieghi, kien gie ragel fuqi u qalli jekk inbieghilux ghas-somma ta' madwar Lm300 u jiena kont accettajt. Il-karozza kienet antika u ma tantx kienet*

[2] Dok. "A" fol. 3 u 4 tal-process.
[3] Dok. "CB1" a fol. 17 tal-process.
[4] Dok. "TB1" a fol. 18 tal-process.

*ikkundizzjonata u accettajt li nbieghha b'dak il-prezz. Huwa kien hallasni bi flus kontanti dak il-hin stess, qbadna u morna l-ghassa taz-Zejtun u iffirmajna l-log book. Jiena peress li ghadda hafna zmien, u ghaddejt minn hafna affarijiet, minn dak iz-zmien 'l hawn kont izzewwigt u sseparajt wara ftit, fost affarijiet koroh ohra, ma niftakarx jismu dak ir-ragel li min bieghhejt il-karozza u l-pulizija li kien qieghed fl-ghassa dak il-hin li morna u ffirma bhala xhud tal-firem*. *Nghid illi dan ir-ragel jiena kont iltqajt mieghu u rajtu biss dak in-nhar stess, u ghalhekk ma ghandix idea ta' ismu u fejn joqghod, u ma ghandi ebda record jew informazzjoni dwaru. Wara li konna morna niffirmaw il-logbook l-ghassa, hu kien qalli li se jiehu hsieb li jipprezenta dan it-trasferiment ma' l-awtoritajiet, u jiena ma oggezzjonajtx. Illi wara dakinhar li ffirmajna l-logbook u giet trasferita l-karozza minn fuqi ghal fuq dan it-terz, jiena ma ergajtx rajt il-karozza u anqas lil din il-persuna. Ghalhekk ilni ma nara din il-vettura ghal aktar minn 15-il sena, u ghandi d-dubji kemm ghadha tintuza. Nixtieq inzid illi xi hames snin ilu kont ircevejt ammont ta' citazzjonijiet tas-sewqan fuq ismi li hargu fuq il-vettura KAI-269, kont mort nikkontesthom quddiem it-Tribunal Lokali taz-Zejtun u kont infurmajthom li jiena ma kontx ghadni s-sid tal-karozza u kont bghettha lil terza persuna u li jiena kont ilni ma nara l-vettura u nkun fil-pusesess taghha ghal aktar minn 10 snin, dak iz-zmien. It-Tribunal Lokali kien laqa' l-kontestazzjoni tieghi u kien illiberani minn kull kontravvenzjoni li allegatament kienu saru permezz ta' din il-vettura. Ghalhekk jiena qatt ma kelli nhallas ghall-kontravvenzjoni fuq din il-karozza. Qatt ma gie indikat lili li kien hemm xi problema bir-registrazzjoni tat-trasferiment tal-vettura KAI-269, qabel ma rcevejt l-ittra ufficjali. Nghid illi jiena qatt ma kont ircevejt ebda informazzjoni dwar din il-karozza. Ma ghandi ebda mezzi li nkun naf dwar xi irregolaritajiet seta' kien hemm dwar din il-vettura*.

Ghalkemm ir-Rikorrent ipprezenta affidavit ta' Timothy Briffa biex jikkorrobora dak minnu affermat, il-Qorti ma hijiex affattu sodisfatta mill-prova mressqa mir-Rikorrent in sostenn ta' l-allegat trasferiment tal-vettura lil terza persuna. Huwa minnu li fl-affidavit tieghu Timothy Briffa jidher li qed jikkonferma dak affermat mir-Rikorrent u cioè

li l-vettura giet trasferita lil terza persuna, izda mill-istess affidavit johrog car li Briffa mhux qed jixhed dwar fatti li kien involut fihom hu personalment izda semplicement qed jirrakkonta dak li qallu zijuh, ir-Rikorrent. Fic-cirkostanzi ghalhekk u fid-dawl tal-fatt li mir-*records* ta' l-Awtorità intimata jirrizulta li fiz-zmien meta bejn wiehed u iehor ir-Rikorrent jallega li ttrasferixxa l-vettura in kwistjoni din giet *garaged* u mhux trasferita, ir-Rikorrent kien jehtieglu jressaq prova ferm iktar konvincenti ta' l-allegat trasferiment tal-vettura lil terza persuna, prova li però ma saritx.

Anke kieku stess il-Qorti kellha temmen dak affermat mir-Rikorrent dwar l-allegat trasferiment tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 lil terza persuna, l-istess Rikorrent xorta wahda ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li huwa ghandu jigi ezonerat minn kwalunkwe responsabbiltà ghall-hlas ta' l-arretrati tal-licenzja ta' cirkolazzjoni ta' din il-vettura, liema licenzja skadiet fl-1 ta' Dicembru 2002.

Jibda biex jinghad illi mill-affidavit tar-Rikorrent jirrizulta li meta gie effettwat l-allegat trasferiment tal-vettura huwa accetta li jhalli f'idejn l-akkwirent biex jinforma lill-awtorità li dak iz-zmien kienet kompetenti b'dan it-trasferiment. L-iskop ta' tali avviz huwa appuntu biex il-vettura hekk trasferita ma tibqax registrata f'isem u taht ir-responsabiltà tal-venditur izda tigi registrata f'isem u b'hekk tghaddi taht ir-responsabiltà tas-sid il-gdid, ossia l-kompratur. Jekk ir-Rikorrent verament ghazel li jhalli din il-kwistjoni kompletament f'idejn l-akkwirent u ma ghamilx il-verifiki tieghu biex jaccerta ruhu li t-trasferiment gie debitament registrat ma' l-Awtorità kompetenti u l-vettura giet registrata f'isem is-sid il-gdid u b'hekk ghaddiet taht ir-responsabilità tieghu, huwa llum ghandu jiffaccja l-konsegwenzi tar-riskju li konxjament ghazel li jiehu. Ghalhekk bhala l-persuna fuq min ghadha registrata l-vettura meritu tal-kontestazzjoni, ma jistax jippretendi li jahrab mir-responsabbiltà rizultanti mill-Artikolu 57(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *sid ta' vettura bil-mutur* – intiz bhala l-persuna li f'isimha tohrog il-licenza ghall-

vettura bil-mutur[5] – *li jonqos li jgedded il-licenza relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenza rilevanti*.

Ir-Rikorrent jilmenta mill-fatt li huwa qatt, qabel ma gie notifikat bl-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2010, ma gie infurmat mill-Awtorità intimata b'xi nuqqasijiet fir-rigward ta' din il-vettura u li ghalhekk ma kellux mezz biex ikun jaf dwar xi irregolartajiet li seta' kien hemm. Ghalkemm jidher li l-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2010 kienet l-ewwel avviz li r-Rikorrent ircieva minghand l-Awtorità intimata dwar l-arretrati fuq il-licenzja ta' cirkolazzjoni tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269, minn dak affermat mill-istess Rikorrent fl-affidavit tieghu l-Qorti ma tistax tqis dak minnu premess – u cioè li tul is-snin ma kellux mezz li jkun jaf li kien hemm xi irregolaritajiet fir-rigward ta' din il-vettura, partikolarment fuq min l-istess tinsab registrata – bhala veritier.

Fl-affidavit tieghu r-Rikorrent stqarr illi *xi hames snin ilu kont ircevejt ammont ta' citazzjonijiet tas-sewqan fuq ismi li hargu fuq il-vettura KAI-269, kont mort nikkontesthom quddiem it-Tribunal Lokali taz-Zejtun u kont infurmajthom li jiena ma kontx ghadni s-sid tal-karozza u kont bghettha lil terza persuna u li jiena kont ilni ma nara l-vettura u nkun fil-pusesess taghha ghal aktar minn 10 snin, dak iz-zmien. It-Tribunal Lokali kien laqa' l-kontestazzjoni tieghi u kien illiberani minn kull kontravvenzjoni li allegatament kienu saru permezz ta' din il-vettura*. Dawn il-kontravvenzjonijiet – jekk is-sitwazzjoni verament sehhet kif allegat mir-Rikorrent ghaliex ghandu jinghad li dak minnu affermat xorta wahda ma giex debitament u sodisfacentement ippruvat – zgur kellhom iwasslu lir-Rikorrent biex jinduna u jintebah li kien hemm xi problema dwar ir-registrazzjoni tal-vettura minnu allegatament trasferita lil terza persuna snin qabel. Nonostante ciò r-Rikorrent ghazel li ma

[5] Artikolu 2 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta.

jaghmel assolutament xejn fir-rigward u lanqas biss ipprova jindaga dwar ir-raguni ghalfejn l-allegati kontravvenzjonijiet hargu fuq ismu meta suppost din il-vettura kienet ilha numru konsiderevoli ta’ snin registrata f’isem haddiehor.

B'hekk jigi ribadit li bhala l-persuna f'isem min tinsab registrata l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni KAI-269 u fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti li ma ghandux jitqies responsabbli ghall-istess vettura, ir-Rikorrent huwa legalment responsabbli ghall-hlas tal-licenzja ta’ cirkolazzjoni tal-vettura kif provdut fl-Artikolu 57(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghaldaqstant l-opposizzjoni tar-Rikorrent ghall-avviz moghti lilu mill-Awtorità intimata ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2010, ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qotri taqta’ u tiddeciedi l-kaz billi tichad it-talba tar-Rikorrent avvanzata bir-Rikors ipprezentat fit-8 ta' Ottubru 2010. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-Rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------